

Brussell, 20 ta' Mejju 2015
(OR. en)

8987/15

RECH 143
COMPET 230

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8562/15 RECH 104 COMPET 180	
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-istruttura konsultattiva taż-Żona Ewropea tar-Riċerka - Adozzjoni

1. Mir-reviżjoni tal-mandat tal-Kumitat tal-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (KŻER) fl-2010 'l hawn, il-Kunsill talab diversi drabi għal struttura ta' konsulenza aktar effettiva taż-ŻER. Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar ir-rapport ta' progress tal-2014 dwar iż-ŻER f'Diċembru 2014, il-Kunsill afferma mill-ġdid li ŻER li tiffunzjona b'mod sħiħ teħtieġ governanza strutturata sew u effettiva bl-Istati Membri jieħdu rwol akbar u għalhekk stieden lill-KŻER biex jiddiskuti u jipproponi riforma tal-governanza relatata maż-ŻER sal-2015.
2. Wara żewġ laqgħat straordinarji tal-KŻER f'Novembru 2014 u Jannar 2015, il-Presidenza pproponiet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, li ġew diskussi mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fil-laqgħat tiegħu tas-16 ta' Marzu, l-14 u s-27 ta' April u l-4 ta' Mejju 2015.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Mejju 2015, eżamina dan l-abbozz ta' konklużjonijiet, solva l-kwistjonijiet miftuħa pendent u qabel li jibgħat l-abbozz ta' konklużjonijiet lill-Kunsill (Kompetittività) tat-28 u d-29 ta' Mejju 2015 għall-adozzjoni tagħhom. Ir-Renju Unit għandu riżerva ġenerali ta' skrutinju dwar it-test, wara l-elezzjonijiet nazzjonali reċenti.
4. Il-Kunsill (Kompetittività), fis-sessjoni tiegħu tat-28 u d-29 ta' Mejju 2015, huwa għalhekk mitlub jadotta l-konklużjonijiet kif imniżżlin fit-test meħmuż.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-istruttura konsultattiva taż-Żona Ewropea tar-Riċerka¹

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-iżvilupp taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) permezz tal-gruppi relatati maż-ŻER tal-1 ta' Ġunju 2011², li kkonfermaw mill-ġdid il-ħtieġa għal koordinazzjoni msaħħa bejn il-KŻER u l-gruppi relatati maż-ŻER, u li enfasizzaw il-ħtieġa li jissokta t-titjib kollu rilevanti f'din il-kooperazzjoni f'konformità mal-eżitu tal-parir tal-KŻER³ dwar ir-reviżjoni tal-gruppi relatati maż-ŻER;
- fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sħubija msaħħa taż-ŻER għall-eċċellenza u t-tkabbir tas-17 ta' Lulju 2012⁴, u r-rispons tal-Kunsill għal din fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012⁵;
- fir-Risoluzzjoni tiegħu dwar il-ħidma konsultattiva għaż-ŻER tat-30 ta' Mejju 2013⁶, li fiha l-Kunsill qabel li jirrevedi l-istatus, il-mandati u l-linji ta' rapportar ta' dawk il-gruppi relatati maż-ŻER li ġew stabbiliti mill-Kunsill sa tmiem l-2014 u stieden lill-Kummissjoni u lill-KŻER biex iqisu jekk tali reviżjoni hijiex meħtieġa fir-rigward tal-gruppi li huma stabbilixxew;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar ir-rapport ta' progress taż-ŻER għall-2014⁷ tal-5 ta' Diċembru 2014, li fihom il-Kunsill stieden lill-KŻER biex sal-2015 jiddiskuti u jipproponi riforma tal-governanza relatata maż-ŻER;

¹ Renju Unit: riżerva ġenerali ta' skrutinju

² 11032/11

³ ERAC 1206/11

⁴ 12848/12

⁵ 17649/12

⁶ 10331/13

⁷ 16599/14

1. IFAKKAR li l-ħidma konsultattiva għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni taż-ŻER hija attwalment imwettqa mill-Kumitat tal-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (KŻER) u għadd ta' gruppi differenti relatati maż-ŻER⁸; JIRRIKONOXXI li hemm il-ħtieġa ta' struttura konsultattiva aktar effiċjenti u effettiva għall-implimentazzjoni taż-ŻER bi rwol b'saħħtu u strateġiku tal-Istati Membri f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti;
2. F'dan ir-rigward JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet fil-qosor taż-żewġ laqgħat straordinarji tal-KŻER⁹, kif ukoll il-kontributi mill-GPC¹⁰ u s-SFIC¹¹; JIRRIKONOXXI li għadha meħtieġa aktar ħidma fuq struttura konsultattiva mtejbja;
3. JAQBEL li, biex tiġi riflessa l-importanza tal-pariri dwar il-politika u l-implimentazzjoni fil-qafas tal-governanza taż-ŻER, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-implimentazzjoni koerenti tal-Pjan Direzzjonali taż-ŻER, il-KŻER, f'kooperazzjoni ma' u bl-appoġġ tal-gruppi l-oħrajn relatati maż-ŻER, għandu jkopri l-prijoritajiet kollha taż-ŻER, li attwalment huma:
 - Priorità 1: Sistemi aktar effettivi ta' riċerka nazzjonali
 - Priorità 2: Kooperazzjoni u kompetizzjoni transnazzjonali mill-aqwa
 - Priorità 3: Suq tax-xogħol miftuħ għar-riċerkaturi
 - Priorità 4: Ugwaljanza u integrazzjoni bejn is-sessi fir-riċerka
 - Priorità 5: L-aħjar ċirkolazzjoni ta', aċċess għal, u trasferiment tal-għarfien xjentifiku
 - Priorità 6: Kooperazzjoni internazzjonali;

⁸ Il-gruppi relatati maż-ŻER attwalment jinkludu l-Kumitat tal-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka, il-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI), il-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika Internazzjonali (SFIC), il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt (GPC), Il-Grupp ta' Helsinki dwar is-Sessi fir-Riċerka u l-Innovazzjoni (HG), il-Grupp ta' Tmexxija taż-ŻER dwar ir-Riżorsi Umani u l-Mobbiltà (SGHRM) u l-Grupp ta' Ħidma tal-KŻER dwar it-Trasferiment tal-Għarfien (KT). Il-Forum Diġitali taż-ŻER (DERAF) u l-grupp ta' punti nazzjonali ta' referenza dwar l-Aċċess Miftuħ (NRP dwar l-OA) qed jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni taż-ŻER. L-ESFRI għandu rwol strateġiku addizzjonali lil hinn minn dak relatat maż-ŻER u mal-pjan direzzjonali taż-ŻER, li mhuwiex is-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet.

⁹ ERAC 1214/3/14 REV 3, ERAC 1202/1/15 REV 1

¹⁰ ERAC-GPC 1302/1/15 REV 1

¹¹ ERAC-SFIC 1355/15

4. JINNOTA li l-objettivi u l-mandati attwali tal-KŻER u l-gruppi l-oħrajn relatati maż-ŻER għandhom jiġu riveduti u JAQBEL li fil-futur il-mandati għandhom jiġu vvalutati meta jkun meħtieġ, imma mill-inqas kull tliet snin, u, fejn meħtieġ, riveduti jew mħassra sabiex jiġi rifless il-progress fl-implimentazzjoni jew l-aġġornamenti tal-prijoritajiet taż-ŻER;
5. IFAKKAR li x-xenarju tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE jinkludi għadd ta' strutturi konsultattivi li jipprovdu kontributi u għarfien espert u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tagħmel inventarju li jidentifika dawn l-istrutturi u li jenfasizza kwalunkwe koinċidenza possibbli mal-KŻER u l-gruppi l-oħrajn relatati maż-ŻER u biex tippreżenta l-valutazzjoni tagħha lill-KŻER sat-30 ta' Ġunju 2015; JINKORAĠĠIXXI lill-KŻER, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex jirsisti għal interazzjoni mill-qrib mal-gruppi kollha rilevanti fir-rigward tal-aspetti tal-programmi ta' ħidma tagħhom li huma relatati maż-ŻER;
6. JISSOTTOLINJA li l-impenn tal-Istati Membri bi sħubija mal-Kummissjoni huwa xprun ewlieni għal effiċjenza u viżibbiltà mtejbja tal-KŻER fit-twettiq tal-missjoni tiegħu biex jagħti parir strateġiku lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-istadji bikrija; JIRRIKONOXXI l-importanza tar-rappreżentanza tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fil-KŻER f'livell xieraq sabiex jiġu żgurati l-effettività u l-impatt tal-Kumitat; JAQBEL li l-KŻER għandu jkun kopresedut mill-Kummissjoni u rappreżentant elett mill-Istati Membri;
7. JINKORAĠĠIXXI lill-KŻER biex ikun proattiv fl-antiċipazzjoni ta' suġġetti ta' politika li jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tnejn ta' dibattiti ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (Kompetittività) u għat-tnejn ta' politika ta' riċerka u innovazzjoni mill-Kummissjoni; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tinvolvi ruħha b'mod sħiħ mal-KŻER meta tkun qed tħejji inizjattivi strateġiċi ġodda fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni;

8. JINNOTA li, sabiex jiġu żgurati l-valur miżjud Ewropew u l-implimentazzjoni effettiva taż-ŻER, hemm bżonn ta' programmi ta' ħidma koordinati għall-KŻER u l-gruppi l-oħrajn relatati maż-ŻER;
9. JIRRIKONOXXI r-rwol li għandu jkollu l-KŻER biex jiġu żgurati l-koordinazzjoni bejnu u l-gruppi l-oħrajn relatati maż-ŻER, il-koerenza fil-programmi ta' ħidma tagħhom u l-iffissar tal-prijoritajiet sabiex jinkisbu sinerġiji, komplementaritajiet u impatti reali; JINKORAĠĠIXXI lill-gruppi relatati maż-ŻER biex jipprovdu kontributi strateġiċi f'waqthom lill-KŻER dwar kwistjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni li huma rilevanti għall-iżvilupp tal-prijoritajiet taż-ŻER speċifiċi rispettivi tagħhom; barra minn hekk JISTIENEN lill-Istati Membri biex jiżguraw koordinazzjoni xierqa bejn ir-rappreżentanti nazzjonali fil-gruppi differenti relatati maż-ŻER u biex ikomplu jikkoordinaw l-implimentazzjoni taż-ŻER fil-livell nazzjonali billi jużaw ir-risultati u l-eżiti mill-gruppi differenti relatati maż-ŻER;
10. F'dan il-kuntest JINNOTA li l-KŻER u l-gruppi l-oħrajn relatati maż-ŻER għandhom jiżviluppaw il-programmi ta' ħidma, l-aġendi, l-attivitajiet u r-risultati tanġibbli tagħhom stess skont il-mandati tagħhom. L-aspetti rilevanti tal-abbozzi ta' programmi ta' ħidma għandhom jiġu diskussi fi ħdan il-Bord ta' Tmexxija tal-KŻER u l-kummenti mill-Bord ta' Tmexxija tal-KŻER għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. Qabel l-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma minn kull grupp, il-programmi ta' ħidma jiġu ppreżentati lill-KŻER sabiex tiġi żgurata koerenza ġenerali fost il-gruppi relatati maż-ŻER;
11. JAQBEL li l-Bord ta' Tmexxija taż-ŻER għandu jkun responsabbli għat-tħejjija tal-laqgħat tal-KŻER. Dan għandu jikkonsisti mill-Kopresidenti tal-KŻER, il-Presidenti tal-gruppi l-oħrajn relatati maż-ŻER, żewġ Membri eletti minn fost ir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-KŻER b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu għal perijodu ta' sentejn kif ukoll rappreżentanti tal-Presidenza tal-UE attwali u dik li jmiss;

12. JITLOB lill-KŻER biex jikkunsidra l-kwistjonijiet pendenti li ġejjin:

- is-simplifikazzjoni tal-istruttura konsultattiva inkluż l-għadd ta' gruppi relatati maż-ŻER, il-mandati u l-linji ta' rapportar tagħhom;
- l-iżvilupp ta' klawżoli standard li għandhom ikunu preżenti fil-mandati tal-gruppi kollha relatati maż-ŻER;
- mekkaniżmu għad-definizzjoni ta' gruppi ġodda relatati maż-ŻER u kondizzjonijiet għar-reviżjoni tal-istatus ta' dawk li diġà jeżistu;
- definizzjoni tar-rwol u l-funzjonijiet tal-Kopresidenti msejsa fuq sħubija ta' partijiet indaqs;
- abbozz ta' mandat għall-KŻER;
- abbozz ta' regoli ta' proċedura għall-Bord ta' Tmexxija tal-KŻER;
- il-proposti mill-SFIC u l-GPC għall-mandati l-ġodda tagħhom fid-dawl tal-klawżoli standard;

bil-ħsieb li titħejja proposta dwar l-istruttura konsultattiva taż-ŻER sal-15 ta' Ottubru 2015 għall-Kunsill (Kompetittività) f'Diċembru 2015.
